MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Numru. 174/2011

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Vincent Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra ’l hawn fuq imsemmi Vincent Galea, bin Francis u Maria Antonia neé Attard, imwieled fid-9 ta’ Dicembru 1953 u residenti fil-fond Maple Love, Triq Santa Dminka, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 69953(G) li gie akkuzat talli nhar it-22 ta’ Jannar, 2011 ghal habta bejn 20:00hrs u 21:00hrs

bhala *licencee* tal-istabbiliment Ritz Snack Bar li jinsab fi Triq 2A, Triq Dun Karl Bomdi, Rabat, Ghawdex;

1. Bhala persuna li fuq ismu ghandu l-licenzja biex jiggestixxi l-hanut Ritz Snack Bar biegh inbejjed, birra jew likori spirituzi lill-persuna/i li ghandha inqas minn sbatax-il sena;

2. Kif ukoll ippermetta jew halla li f'dan il-hanut jidhlu jew joqghodu jitnikkru fil-bieb tfal taht is-sbatax-il sena;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

**Ikkunsidrat;**

Ma jirrizultax car mill-provi jekk gewx mibjugha inbejjed, birra jew likori spirituzi lil persuna jew persuni li ghandhom inqas minn sbatax-il sena, pero jirrizulta bl-aktar mod car li, dakinhar tat-22 ta' Jannar 2011, kien hemm persuna ta' taht is-sbatax il-sena, *ossia* Shaun Attard, li giet mhollija tidhol fl-istabbiliment Ritz Snack Bar.

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tilliberah minnha, wara li rat Artikolu 185(1)(b) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 18 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.09 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni u tikkundannah multa ta' mitejn u tlieta u tletin ewro (€ 233.00).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------